MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2013

Rikors Numru. 362/2010/2

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-konvenuta tal-1 ta' Dicembru 2011 li permezz tieghu talbet illi l-kawza odjerna tigi konvertita ghal kawza ta' pronunzjament ta' divorzju.

Rat li l-attur mhux qed jopponi ghal din it-talba.

Rat l-atti kollha.

Ikkonsidrat,

L-artikolu 66F tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:-

"(1) Kull parti f'kawża ta' separazzjoni, tista' f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju. Meta ssir din it-talba, il-Qorti għandha tisma' lill-partijiet biex tikkonstata illi l-kundizzjonijiet maħsuba fl-artikolu 66B biex issir talba għad-divorzju huma sodisfatti.

Il-Qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar din it-talba f'sentenza mogħtija fil-qorti bil-miftuħ, u minn dik is-sentenza ma jkun hemm ebda appell ħlief flimkien mas-sentenza finali.

(2) Kull dikjarazzjoni ta' xhieda u dokumenti preżentati ma' kawża ta' separazzjoni għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal meta din tiġi mibdula fi proċeduri ta' divorzju. Dan mingħajr ħsara għall-possibilità ta' kull parti li tressaq dokumenti u xhieda oħrajn fil-proċeduri ta' divorzju relatati mat-talba għad-divorzju."

Ikkonsidrat,

Jirrizulta illi r-rekwiziti mitluba bl-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma kollha sodisfatti u ghalhekk it-talba ghall-konverzjoni timmerita li tigi akkolta.

**Decide**.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi r-rikors tal-konvenuta tal-1 ta' Dicembru 2011 billi:-

Tilqa' t-talba u tordna li l-kawza fl-ismijijiet premessi ghandha titqies bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju ai termini tal-artikolu 66F tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------